# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Tlieta (3) ta' Marzu 2021**

**Rikors Numru 774/15 FDP**

Fl-ismijiet

**Muovilami Oy** ta' Yrittajantie 5, FI-63700, Ahtari, il-Finlandja,
kif debitament awtorizzata u rrappreżentata mill-mandatarja speċjali tagħha
l-Avukat Dr. Julienne Portelli Demajo (ID 245084M)

-vs-

**Project Technik Limited** (C48668)
u
**C&F Building Contractors Limited** (C15308)

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 12 ta' Awissu 2015, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet s-segwenti:

   1. *Illi s-soċjeta' kummerċjali Muovilami Oy, ta' Yrittajantie 5, FI-63700, Ahtari, il-Finlandja, tipproduċi u tbiegħ, fost oħrajn, bibien industrijali iddisinjati apposta sabiex ikunu reżistenti kemm għan-nirien kif ukoll l-korrużjoni. LAMI GRP huwa tip ta' bieb illi jiġi immanifatturat permezz ta' proċess imsejjaħ bħala 'pressure molding', liema proċess jipproduċi bibien b'qoxra lixxa ħafna. Is-soċjeta' kummerċjali Muovilami Oy ilha sa mill-1966 timmanifattura bibien tat-tip LAMI GRP;*

   2. *Illi kif sejjer jiġi ampjament ippruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawża, fit-23 ta' Jannar 2014, is-soċjeta' rikorrenti ġiet mistiedna tapplika b'offerta ta' tender speċifikament maħruġa mis-soċjetajiet intimati Project Technik*

*Limited u C&F Contractors Limited magħrufa bħala "PC Joint Venture", a loro volta kuntratturi fuq il-proġett tal-Life Sciences Building ġewwa San Ġwann, liema tender kien jirrikjedi l-offerenti ifornu offerta għal 'Finishes, Fixtures and Fittings at the Life Science Park in San Ġwann and for the Supply and Delivery of GPP Doors and Wall Mounted Vision Panels' skont l-ispeċifikazzjonijiet tat-tender;*

3. *Illi fit-3 ta' Lulju 2014, is-soċjetajiet intimati aċċettaw l-offerta tas-soċjeta' rikorrenti (l-ittra ta' aċċettazzjoni datata 3 ta' Lulju 2014 mehmuża - dokument immarkat bħala "Dok MO 1"). F'din l-ittra ta' aċċettazzjoni, ir-rappreżentant tal-istess PC Joint Venture jgħid illi huma evalwaw l-offerta u aċċettawha għal prezz ta' tmien mija u tmienja u disgħin elf, tmien mija u sitta u tletin euro (€ 898,836) eskluż it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT). Fl-istess ittra jingħad wkoll illi ż-żmien tal-ġarr kellu jkun maqsum fi tlieta skond il-lottijiet li kellhom jaslu Malta bejn Ottubru u Diċembru tas-sena 2014;*

4. *Illi fl-10 ta' Lulju 2014 il-partijiet ta' din il-kawża daħlu fi ftehim msejjaħ 'Supply and Delivery Agreement' (dokument hawn anness u mmarkat bħala "Dok MO 2") fejn is-soċjeta' rikorrenti daħlet f'relazzjoni kuntrattwali mas-soċjetajiet u li in vista ta' liema ftehim ħarġu l-ewwel ordnijiet bin-numru ta' referenza 202837 u 202838 mehmuża (datati t-tnejn 9 ta' Lulju 2014 u mmarkati bħala "Dok MO 3" u "Dok MO 4") flimkien ma' disinji relattivi skont il-ftehim. Il-klawżola 3 tal-ftehim (DOK MO 2) tindika għal darb'oħra ċ-ċifra maqbula, u ċioe Euro 898,836 eskluż il-VAT;*

5. *Illi malli l-ftehim hawn fuq imsemmi ġie ffirmat, is-soċjeta' rikorrenti, kif kienet dovuta li tagħmel, bdiet bil-manifattura tal-kampjuni tal-prodotti ordnati, id-disinji ġew emendati, u l-kampjuni tax-xogħol waslu Malta fis-6 ta' Awissu 2014 kif mitluba mis-soċjetajiet intimati, u saru wkoll 'project specific fire tests', u membri tas-soċjeta' rikorrenti ġew Malta f'diversi okkażjonijiet sabiex jiġu ttestjati l-bibien, u ġew approvati mill-intimati;*

6. *Illi bejn Awissu u Settembru 2014 is-soċjeta' rikorrenti bdiet tinnota illi numru ta' talbiet li saru bl-email bdew jiġu injorati b'mod kostanti u bdiet tallarma ruħha. Il-Periti tal-proġett QPM Limited iġġeneraw dokument magħruf bħala "Contractor Submittal" datat 31 ta' Lulju 2014 (hawn anness u mmarkat "Dok M05") u b'risposta dettaljata għas-"submit report" datata 22 ta' Awissu 2014 (hawn annessa u mmarkata "Dok M06") is-soċjeta' rikorrenti forniet dak kollu mitlub minnha inkluż ir-riżultati tal-fire tests. Wara dan is-soċjeta' rikorrenti baqgħet mingħajr risposta u minħabba dan in-nuqqas ta' komunikazzjoni (u wara email f'dan is-sens tal-5 ta' Settembru) fit-12 ta' Settembru 2014 is-soċjeta' rikorrenti (dokument hawn anness u mmarkat "Dok MO 7") uriet bl-aktar mod ċar l-apprensjonijiet tagħha dwar il-kuntratt pattwit bejn il-partijiet. Permezz ta' email tas-17 ta' Settembru 2014 ("Dok MO 8") l-intimati fost l-affarijiet l-oħrajn ikkonfermaw illi kienu marbutin kuntrattwalment mar-rikorrenti u din l-email ġiet imwieġba mir-rikorrenti l-għada permezz ta' ittra (hawn anness u mmarkata "Dok M09") li fiha ntalbu b'mod ċar numru ta' affarijiet mill-intimati;*

7. *Illi sussegwentement, wara din l-ittra, fl-24 ta Settembru 2014 ("Dok MO 10"), is-soċjeta' rikorrenti għal darba oħra formalment talbet sabiex jsiru l-'fire tests' u ma setgħetx tifhem kif din l-offerta li kienet saret mill-anqas sa mis-6 ta' Awissu 2014 baqgħet mingħajr risposta minkejja l-allegazzjonijiet infondati f'email tad-19 ta' Settembru 2014. Kien għalhekk li s-soċjeta' rikorrenti iċċarat l-pożizzjoni tagħha u stqarret li l-aġir tal-konvenut/i kienu kkunsidrati bħala 'a clear and unfounded violation of the Contract as well as directly preventing us from fulfilling the Contract';*

8. *Illi bi ksur manifest tal-kuntratt viġenti bejn il-partijiet, is-soċjetajiet intimati, jew min minnhom taħt l-insinja tal-PC Joint Venture, l-ewwel intralċjaw u mbagħad effettivament waqqfu l-eżekuzzjoni tal-kuntratt da parti tas-soċjeta' rikorrenti u dan mingħajr l-ebda raġuni valida fil-liġi sabiex is-soċjetajiet intimati jkunu jistgħu jħollu l-kuntratt u dan naturalment għad-dannu tas-soċjeta' rikorrenti;*

9. *Illi l-ksur tal-obbligi da parti tal-intimati, ir-ripensament tagħhom fuq kuntratt redatt, iffirmat u konkluż bejn il-partijiet huma ċari u manifesti anke jekk l-intimati vvintaw storja fejn ippruvaw ipinġu lis-soċjeta' estera rikorrenti bħala inadempjenti u kwindi responsabbli għall-ħall tal-kuntratt;*

10. *Illi fit-30 ta' Jannar is-soċjeta' rikorrenti ressqet ittra uffiċjali kontra l-intimati u żammithom responsabbli għad-danni kollha sofferti minnha fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt illi ġie terminat sforz l-inadempjenza tal-istess soċjetajiet intimati inkluż l-ispejjeż tal-eżekuzzjoni parzjali tal-istess u t-telf ta' profitti li kellha tipperċepixxi tul l-eżekuzzjoni sħiħa tal-kuntratt (anness "Dok MO 11") iżda għal din l-ittra s-soċjetajiet intimati wieġbu li ma kellhom l-ebda responsabbilta' (annes "Dok MO 12");*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost u għar-raġunijiet li sejrin jiġu ampjament ippruvati fit-trattazzjoni ta' din il-kawża, is-soċjeta' estera rikorrenti Muovilami Oy kif lokalment rappreżentata umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li s-soċjetajiet intimati Project Technik Limited u C&F Contractors Limited huma solidalment, jew mod ieħor bejniethom, responsabbli għall-ksur tal-kuntratt ta' provvista u konsenja ffirmat mas-soċjeta' estera u kienu huma l-kaġun tal-ħall tal-istess kuntratt ai termini tal-Artikolu 117 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li s-soċjetajiet intimati Project Technik Limited u C&F Contractors Limited huma solidalment, jew mod ieħor bejniethom, responsabbli għad-danni kaġunati lis-soċjeta' estera rikorrenti inkluż it-telf ta' profitti sofferti fuq il-kuntratt hekk pattwit;*

3. *Tillikwida l-ammont tal-istess danni okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi u tordna l-ħlas tal-istess ammonti hekk likwidati bl-imgħaxijiet skont il-liġi.*

*Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-istess konvenuti, minn issa nġunti in subizzjoni.*

2. Rat illi fid-9 ta' Settembru 2015, s-soċjetajiet intimati laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

1. *Illi għalkemm l-kontenut tal-ewwel tlett paragrafi bħala fatt, huma piu o meno korretti m'hu minnu xejn illi s-soċjetajiet eċċipjenti qatt għamlu xi ordni lis-soċjeta' attriċi biex din tibda bil-manifattura tal-bibien in kwistjoni billi qabel ma setgħu dawn jibdew jiġu maħduma kellu bilfors jinħareġ iċ-ċertifikat u ċioe' l-fire certification li kellha tinħareġ minn awtorita' indipendenti u akkreditata internazzjonalment, ħaġa li qatt ma saret.*

2. *Illi waħda mill-kundizzjonijiet fl-għoti tat-tender mis-soċjetajiet eċċipjenti mill-Malta Enterprise u/jew QP Management Limited li kienu qed jieħdu ħsieb l-aspetti tekniċi u valutattivi ta' dawn il-bibien u ta' materji oħra assoċjati mat-tender kienet illi l-bibien kollha li kienu jiffurmaw parti mill-ordni mhux biss kellhom jiġu ċċertifikati minn barra kif intqal iżjed 'il fuq iżda wkoll li din iċ-ċertifikazzjoni kellha mbagħad tiġi aċċettata wkoll mill-QP Management Limited.*

3. *Illi għalkemm is-soċjeta' attriċi kienet tat ċertifikazzjoni ta' tip ta' bieb wieħed minn sitt bibien baqgħet sa llum qatt ma bagħtet iċ-ċertifikazzjoni tal-bibien l-oħra bir-riżultat ovvju illi l-klijent tas-soċjetajiet eċċipjenti iwaqqfu l-appalt abbażi tat-tender mirbuħa minnhom minħabba non-compliance. Ċertifikat ta' waħda minn sitt affarijiet lil kellhom jiġu ċċertifikati ċertament tati dritt lill-klijent li jwaqqaf l-andament tat-tender.*

4. *Ġara illi d-dokumentazzjoni u ċ-ċertifikati msemmija u li kellhom jiġu mibgħuta mill-bidu tar-rebħ tat-tender waslu xhur wara meta kien tard wisq, kemm billi l-klijent kkonkluda illi b'dak l-uniku ċertifikat li kien ġie sottomess bil-ħamsa l-oħra assenti s-soċjetajiet eċċipjenti kienu non compliant kif ukoll minħabba li t-tardezza taż-żmien meta wara xhur twal fl-aħħar waslu dawn iċ-ċertifikati, kien ser jagħmilha mpossibli biex it-tender jiġi kkompletat fiż-żmien ikkuntrattat u meta wkoll f'każ illi l-appalt ma kienx jiġi kkompletat fiż-żmien kienet ser tiġi mposta penali ta' €5,000 kuljum. Għandu jiġi wkoll irrelevat illi qabel ma kienet ser tiġi ċ-ċertifikazzjoni minn barra ta' sitt bibien u mhux ta' wieħed biss u din iċ-ċertifikazzjoni tiġi wkoll aċċettata mill-konsulenti tekniċi tal-Malta Enterprise u QP Management Limited is-soċjetajiet esponenti qatt ma setgħu jordnaw il-bidu tal-manifattura tal-bibien kollha, żmien ta' manifattura dan li kienet ser terġa' ttawwal għal xhur sħaħ.*

5. *Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi s-soċjeta' esponenti ma kellhom l-ebda triq oħra, ukoll biex jiffrankaw il-penalitajiet enormi li kienu mdendla fuq rashom, li*

*jikkuntrattaw ma ħaddiehor għal manifattura u konsenja tal-bibien imsemmija fit-tender b'dan illi wkoll minħabba li issa ż-żmien beda jagħfas sewwa, kienu kostretti jħallsu l-ammont ta' ċirka €160,000 li kienet tirrapreżenta d-differenza bejn l-ammont miftiehem għal dan ix-xogħol mas-soċjeta' attriċi u l-entita' li attwalment ipproduċiet l-istess. Għalhekk mhux talli s-soċjetajiet eċċipjenti m'għandhom iħallsu xejn lil dik attriċi iżda hija dik tal-aħħar li hija debitriċi tagħhom f'din is-somma.*

6. *Illi għalhekk is-soċjetajiet esponenti qegħdin jagħmlu talba rikonvenzjonali f'dawn il-proċeduri sabiex din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi illi l-ksur tal-kuntratt kien imputabbli unikament għal inadempjenza da parti tas-soċjeta' attriċi u għal likwidazzjoni u ħlas ta' danni minnhom sofferti minħabba din l-inadempjenza u n-neċċesita li huma jqabbdu entita oħra biex twettaq ix-xogħol li kellu jsir mis-soċjeta' attriċi fil-ħin indikat fit-tender u biex ma jeħlux ammont sostanzjali ta' penali.*

*Salv kull eċċezzjoni ulterjuri.*

3. Rat illi, flimkien mar-risposta, s-soċjetajiet intimati ressqu talba rikonvenzjonali kontra s-soċjeta' rikorrenti, fejn ippremettew u talbu s-segwenti:

*Illi s-soċjetajiet Project Technik Limited u C&F Building Contractors Limited kienu rebħu tender u ċioe' tender CT3103/2013 Finishes Works, Life Sciences Centre Malta maħruġ mid-Direttur tal-Kuntratti bil-klijent ikun il-Malta Enterprise u dana permezz ta' letter of acceptance fl-aħħar xhur tas-sena 2013.*

*Illi fost ix-xogħolijiet imsemmija fit-tender, is-soċjetajiet eċċipjenti kellhom jissuplixxu u jqiegħdu fil-post numru sostanzjali ta' bibien speċjali u fire proof sitt mudelli ta' tip differenti u waħda mill-kundizzjonijiet tat-tender kienet illi ix-xogħolijiet kollha ndikati fl-istess kellhom jiġu kkompletati mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tal-letter of acceptance altrimenti s-soċjetajiet esponenti kienu jkunu obbligati jħallsu penali ta' €5,000 għal kull ġurnata ta' ritard.*

*Illi kif jiġi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża u kif ġie wkoll amplifikat fir-risposta ġuramentata f'dawn il-proċeduri s-soċjeta' Muovilami OY baqgħet qatt ma tat iċ-ċertifikazzjoni fire certification kif kienet obbligata tagħmel u kif ukoll wegħdet li tagħmel b'dan illi s-soċjetajiet esponenti kienu kostretti jitolbu estenzjoni taż-żmien imsemmi fit-tender għat-tlestija ta' dan il-proġett liema estenzjoni rnexxilha tottjeniha pero' anke meta kien għadda ħafna żmien minn din it-tieni estenzjoni ċ-ċertifikazzjoni ta' dawn il-bibien kienet għadha la tressqet minn Muovilami OY aħseb u ara kemm ġiet aċċettata mill-konsulenti Maltin kif indikat li kellu jsir fit-tender contract qabel mal-konsulenti tekniċi tal-Malta Enterprise u QP Management Limited setgħet tati l-go ahead tagħha biex il-bibien jibdew jiġu manifatturati.*

*Illi minħabba f'hekk u partikolarment minħabba l-klawżola penali msemmija fil-kuntratt u li għaliha sar riferiment iżjed il' fuq, is-soċjetajiet Project Technik Limited u C&F Building Contractors Limited kienu kostretti jsibu lil ħaddieħor illi jimmanifatturaw il-bibien meritu tat-tender biċ-ċertifikazzjoni rikjesta ad*

*validitatem fl-istess tender u ċioe' lis-soċjeta' estera Dortek Limited bir-riżultat illi kienu kostretti jħallsu għall-istess bibien is-somma ta' €160,000 iżjed mill-ammont li kien ġie miftiehem mas-soċjeta' Muovilami OY għall-istess xogħolijiet kollox kif jiġi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*Illi dan l-ammont żejjed is-soċjetajiet esponenti kienu kostretti jħallsuh lis-soċjeta' estera unikament minħabba l-ksur da parti tas-soċjeta' Muovilami OY li jonoraw l-obbligazzjoni tagħhom skond il-kundizzjonijiet tat-tender u l-ħtieġa tal-klijent u għaldaqstant huma unikament responsabbli għad-danni li huma sofrew minħabba l-inadempjenza da parti tagħhom.*

*Illi minn fuq is-soċjeta' Muovilami OY flok għamlet tajjeb għad-danni sofferti mis-soċjetajiet esponenti minħabba l-inadempjenza tagħha kif fuq spjegat intavolat hi kawża kontrihom biex titħallas hi mingħandhom l-ispejjeż li għamlet biex ippreparat u tat lok għall-bidu tal-eżekuzzjoni ta' dan l-appalt. Ħaġa din li ma swiet għal xejn la lis-soċjetajiet esponenti u wisq inqas lil Malta Enterprise ħlief li kkawżat il-ħruġ żejjed ta' €160,000 ċirka da parti tas-soċjetajiet esponenti.*

*Għaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' Muovilami OY hija unikament responsabbli għall-ksur tal-kuntratt ta' provvista u konsenja tal-bibien in kwistjoni u kwindi kienet hi unikament il-kaġun tal-ħall tal-istess kuntratt ai termini tal-Artikoli 1633 et seq, fost oħrajn, tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Tiddikjara wkoll illi minħabba din l-inadempjenza s-soċjetajiet esponenti sofrew danni konsistenti fil-ħlas ta' ammont sostanzjali li kienet kostretta tħallas lis-soċjeta' estera Dortek Limited biex din timmanifattura u tikkonsenja l-istess bibien li kienet intrabtet li timmanifattura u tikkonsenja s-soċjeta' Muovilami Limited kif filfatt għamlet.*

3. *Tillikwida dawn id-danni okkorrendo permezz ta' periti nominandi.*

4. *Konsegwentement torda lis-soċjeta' Muovilami Limited tħallas lis-soċjetajiet esponenti dik is-somma li tiġi hekk illikwidata.*

*Bl-ispejjeż kontra Muovilami OY minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

4. Rat illi fl-1 ta' Ottubru 2015, is-soċjeta' rikorrenti rrispondiet għal dak mitlub fil-kontro talba, billi qajjmet is-segwenti difiżi:

    1. *Illi fit-3 ta' Lulju 2014, is-soċjetajiet intimati li kienu jiffurmaw 'PC Joint Venture', flimkien aċċettaw l-offerta tas-soċjeta' rikorrenti rikonvenzjonata Muovilami sabiex l-istess soċjeta' Muovilami timmanifattura għalihom il-bibien tat-tip GRP għal proġett magħruf bħala 'Life Sciences Project' f'San Ġwann (ittra ta' aċċettazzjoni annessa mar-rikors promotur u mmarkata bħala Dok MO1) u konsegwentement fl-10 ta' Lulju 2014 il-partijiet ta' din il-kawża daħlu fi ftehim msejjaħ*

*'Supply and Delivery Agreement (dokument immarkat bħala Dok M02 ukoll anness mar-rikors promotur);*

2. *Illi mhux assoltament minnu xejn anzi hija biss skuża fabbrikata wara l-konklużjoni tal-kuntratt u bl-uniku skop li joħorġu mir-rabta kuntrattwali li kienet mifthiehma bejn il-partijiet, illi s-soċjeta' rikonvenzjonata esponenti kienet b'xi mod tardiva fil-fornittura taċ-ċertifikazzjonijiet meħtieġa dwar is-sigurezza f'każ ta' nirien kif allegat fit-talba rikonvenzjonali. Tant mhux hekk, illi a bażi taċ-ċertifikazzjonijiet ġia forniti fl-offerta tas-soċjeta' estera, l-istess offerta ġiet aċċettata u l-kuntratt iffirmat u fejn anka wara l-firma ta' tali kuntratt intalbu ċertifikazzjonijiet ulterjuri, dawn kollha ġew forniti tajjeb u fil-ħin minkejja id-diżorganizazzjoni u l-konfużjoni totali li kienet tirrenja fil-ġestjoni tal-kuntratt bejn il-membri tal-'PC Joint Venture' kif sejjer jiġi ampjament ippruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

3. *Illi t-talba rikonvenzjonali kollha kemm hi hija fabbrikazzjoni totali intiża unikament sabiex is-soċjetajiet intimati mingħalihom ixejnu l-kawża mressqa kontrihom li hija kawża sempliċi ħafna fin-natura tagħha u ċioe' kuntratt eżegwit u ffirmat u miksur b'mod lampanti ftit ġimgħat wara għal raġunijiet li jafu biss l-intimati rikonvenzjonanti;*

4. *Illi fi kwalunkwe każ u a skans ta' kwalsiasi ekwivoku, kien fit-22 ta' Lulju 2014 illi r-rikorrenti rċevew it-Technical Specifications tat-tender in kwistjoni fejn kien hemm ir-rekwiżit tal-ħtieġa tal-fire testing u fil-fatt dawn l-i'specifications' jgħidu propju hekk (estratt mit-Technical Specifications annessa u mmarkata bħala document M013):*

   *'FIRE RESISTING TIMBER & GRP DOOR/DOORSETS:*

   *Provide evidence, in the form of a product conformity certificate, tests report* ***or*** *engineering assessment, that each firedoor/doorset supplied to comply with the specified requirements for fire resistance if tested in accordance with BS 476: Part 22. Such certification must cover door and frame materials, glass and glazing materials and installation, essential and ancillary ironmongery, hinges, and seals' (emfażi miżjuda)*

   *li hija eżattament, preċiżament u sal-iċken dettall dak li forniet is-soċjeta' esponenti;*

5. *Illi iżda irrispettivament mid-data meta ġew infurmati dwar din in-neċessita', r-rikorrenti kienu ġia bagħtu r-rapporti mitluba kemm fit-13 ta' Marzu 2014 kif ukoll fis-26 ta' Marzu 2014. Dawn ir-rapporti ittrattaw l-ispecific project test li sar l-Ingilterra, kif jafu ben tajjeb is-soċjetajiet intimati rikonvenzjonanti, għalkemm għar-raġunijiet li jafu huma biss quddiem din il-Qorti qegħdin jippretendu li ma jafux sabiex jinħelsu mill-obbligi kuntrattwali tagħhom jew iwasslu sabiex is-soċjeta' rikonvenzjonata tieqaf milli tieħu dak li hu tagħha bid-dritt;*

6. *Illi wara numru ta' diskussjonijiet li kienu qed isiru bejn il-partjiet u s-soċjeta' estera, is-soċjeta' rikorrenti bdiet tibgħat numru ta' rapporti oħra addizzjonali u dan jindika ċarament illi s-soċjeta' rikorrenti mxiet kompletament mal-obbligi tagħha tas-sejħa u dejjem ipprovdiet rapport minn awtorita indipendenti u akkreditati internazzjonalment li s-soċjetajiet intimati kienu jirrikjedu u dan kif ser jiġi ampjament spjegat fit-trattazzjoni tal-kawża;*

7. *Illi mhux talli mhux minnu dak mistqarr fir-rikors rikonvenzjonali, talli fuq talba tal-periti tal-proġett QP Management ir-rappreżentanti tas-soċjeta' esponenti ġew apposta Malta fil-bidu t'Awissu propju sabiex jistabbilixxu x' ċertifikazzjoni ulterjuri kienet qed tintalab fuq il-bibien in kwistjoni u saħansitra waqt il-laqgħa tas-6 t'Awissu 2014 liema laqgħa saret f'Malta, is-soċjeta' rikorrenti reġgħet offriet, numru ta' għażliet jew options li setgħu jirrikorru għalihom is-soċjetajiet intimati, sabiex il-partijiet jiftehmu fuq il-mod ta' kif dawn il-bibien jiġu ċċertifikati ai fini ta' fire testing;*

8. *Illi fil-ħdax (11) t'Awissu 2014 is-soċjeta' esponenti pprovdiet 'Table of Fire Test Reports and Assessments' li relatat ma kull tip ta' bieb li kien relevanti għal-proġett. Fit-22 t' Awissu s-soċjeta' esponenti bagħtet ir-risposti u l-kummenti tagħha dwar rapport li kienu għamlu l-QP Management Limited iżda jirriżulta illi, u dan kif ser jiġi ampjament ippruvat, illi il-kummenti dettaljati magħmula mis-soċjeta' esponenti qatt ma ġew mibgħuta lil QP Management Limited u qatt ma ntbagħtu lill-periti involuti u b'mod mhux mistenni għall-aħħar fid-19 ta' Settembru 2014, is-soċjeta' rikorrenti rċeviet email mingħand QP Management u s-soċjetajiet intimati fejn huma talbu sabiex il-fire testing jitwaqqaf u ma jsiru ebda testijiet fuq il-bibien in kwistjoni.*

9. *Illi kwindi mhuwiex assolutament minnu illi s-soċjeta' rikorrenti rikonvenzjonata ma bagħtet l-ebda ċertifikazzjoni tal-bibien u ma huwa minnu xejn illi t-tardezza ta' żmien kif imsemmi fir-rikors rikonvenzjonali kien tort tas-soċjeta' rikorrenti għaliex kif ser jiġi ampjament ippruvat kienu s-soċjetajiet intimati illi ma kinux qed jagħtu każ jew jirrispondu għal korrispondenza mibgħuta mis-soċjeta' rikorrenti, u kienu s-soċjetajiet intimati li waqqfu milli jikkolaboraw mas-soċjeta' rikorrenti għar-raġunijiet li sal-lum ħadd ma jafhom, illi jistgħu jvarjaw mid-disorganizzazzjoni evidenti li biha mexxew dan il-kuntratt sa raġunjiet oħrajn f'dan l-istadju mhux magħrufa lill-esponenti. Illi jrid jingħad ukoll illi l-penali ta' Euro 5,000 ġiet imsemmija lis-soċjeta' rikonvenzjonali f'Lulju b'mod vag immens u ma kien hemm xejn li jindika illi s-soċjetajiet kienu 'kostretti jsibu lil ħaddieħor' għaliex kienu huma stess li rebħu t-tender fl-aħħar tas-sena 2013 u ffirmaw 'acceptance letter' mal-esponenti ex admissis ossija madwar tmien xhur wara. U minn fuq jattribwixxu t-tardivita' lir-rikonvenzjonata;*

10. *Illi s-soċjeta' rikorrenti qatt ma kienet taf bl-ebda estenzjoni li applikaw għaliha s-soċjetajiet intimati;*

11. *Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, kull dannu li qegħdin jippruvaw jallegaw is-soċjetajiet intimati jrid jiġi ppruvat skond il-liġi.*

    *Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti estera Muovilami Oy kif lokalment rappreżentata umilment titlob bir-rispett:*

i. *Illi t-talbiet rikovenzjonali kif dedotti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

ii. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.*

**Provi**

5. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentati mis-soċjeta' rikorrenti mar-rikors promotur.

6. Rat illi fil-15 ta' Diċembru 2015, il-kawża tħalliet għall-provi.

7. Rat l-affidavit ta' **Jaana Aho**, Managing Director tas-soċjeta' rikorrenti, ppreżentat fis-7 ta' April 2016 (fol 125).

8. Rat l-affidavit ta' **Teemu Saarinen**, Designer Engineer tas-soċjeta' rikorrenti, ppreżentat fid-29 ta' Novembru 2016 (fol 287).

9. Rat l-affidavit ta' **Juha-Matti Aho**, Deputy Managing Director tas-soċjeta' rikorrenti, ppreżentat fid-29 ta' Novembru 2016 (fol 290).

10. Rat ix-xhieda in eżami u kontro eżami ta' **Claude Perini**, Interior Designer u impjegat tas-soċjeta' QP Management Limtied, mogħtija fis-16 ta' Frar 2017 (fol 297).

11. Rat ix-xhieda ta' **Joseph Sammut**, Chief Executive Officer tal-Malta Life Sciences Park, mogħtija fl-14 ta' Marzu 2017 u d-dokumentazzjoni minnu ppreżentata (fol 308).

12. Rat illi fid-9 ta' Mejju 2017, is-soċjeta' rikorrenti ppreżentat serje ta' rapporti dwar '*Fire Resistance*' magħmula fuq rikjesta tas-soċjeta' rikorrenti in konnessjoni mal-meritu tal-każ odjern (fol 368).

13. Rat illi fil-15 ta' Ġunju 2017, ġiet ippreżentata prospett tad-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti, ammontanti komplessivament għal €39,556.54 (fol 454).

14. Rat illi fil-15 ta' Ġunju 2017, is-soċjeta' rikorrenti għarrfet illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

15. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Joseph Sammut, mogħtija fis-6 ta' Novembru 2017 u d-dokumentazzjoni minnu ppreżentata. (fol 592)

16. Rat id-dokumentazzjoni, ossija korrispondenza varja, eżebita mis-soċjeta' intimata fis-6 ta' Novembru 2017. (fol 614 - 847)

17. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Claude Perini, mogħtija fis-6 ta' Novembru 2017. (fol 848)

18. Rat ix-xhieda ta’ **Gaston Degiovanni**, Fire Engineer imqabbad mis-soċjeta’ Quality Projects Management Limited bħala Safety Officer, mogħtija fis-6 ta’ Novembru 2017. (fol 937)

19. Rat ix-xhieda, in kontro eżami, ta’ Jaana Aho, mogħtija fis-6 ta’ Novembru 2017. (fol 942)

20. Rat ix-xhieda, in kontro eżami, ta’ Hans Neupert, mogħtija fis-6 ta’ Novembru 2017. (fol 942)

21. Rat ix-xhieda tal-**Perit Ivan Bondin**, Project Manager involut fil-proġett immexxi mill-intimati, mogħtija fis-27 ta’ Frar 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata. (fol 952)

22. Rat ix-xhieda ta’ **Kurt Pace**, Managing Director tas-soċjeta’ Project Tecknik Limited, mogħtija fit-3 ta’ Mejju 2018. (fol 980)

23. Rat l-affidavit ta’ **Darren Micallef**, Financial Controller tas-soċjeta’ Project Technik Limited, ippreżentat fil-21 ta’ Ġunju 2018 flimkien mal-prospett tad-danni minnu ppreżentat. (fol 994)

24. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Kurt Pace illi saret fil-21 ta’ Ġunju 2018. (fol 1026)

25. Rat ix-xhieda in kontro eżami tal-Perit Ivan Bondin illi saret fil-21 ta’ Ġunju 2018. (fol 1042)

26. Rat ix-xhieda in kontro eżami ulterjuri ta’ Kurt Pace illi saret fid-29 ta’ Ottubru 2018 kif ukoll id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata. (fol 1051)

27. Rat ix-xhieda in kontro eżami ulterjuri tal-Perit Ivan Bondin illi saret fid-29 ta’ Ottubru 2018. (fol 1064)

28. Rat illi fis-17 ta’ Ottubru 2019, dina l-Qorti, kif komposta, ġiet a konjizzjoni tal-atti.

29. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta’ Gaston Degiovanni, mogħtija fit-28 ta’ Novembru 2019. (fol 1088)

30. Semgħet ix-xhieda tal-Ingineer Edwin Aquilina, mogħtija fit-28 ta’ Novembru 2019. (fol 1114)

31. Rat illi fit-28 ta’ Novembru 2019, il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi bħala magħluqa.

32. Rat illi fis-17 ta’ Ġunju 2020, gew ippreżentati s-sottomissjonijiet bil-miktub tas-soċjeta’ rikorrenti.

33. Rat illi fil-5 ta’ Ottubru 2020, is-soċjetajiet intimati ppreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub.

34. Rat illi fis-6 ta’ Ottubru 2020, il-konsulenti legali tas-soċjeta’ rikorrenti talbu illi jagħmlu sottomissjonijiet ulterjuri orali.

35. Semgħet it-trattazzjoni finali tal-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis-26 ta' Novembru 2020, wara liema data il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

36. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi prodotti w dokumentazzjoni vasta ppreżentata quddiem dina l-Qorti, illi fl-20 ta' Diċembru 2013, is-soċjetajiet intimati, li kienu ngħaqdu flimkien għal dan il-għan bl-isem ta' PC Joint Venture, kienu rebħu tender għal '*Finishes, Fixtures and Fittings at the Life Sciences Centre in San Ġwann*', maħruġ mill-Malta Enterprise. (fol 1036)

37. Jirriżulta illi, bħala parti mill-proġett inkarigat lis-soċjetajiet intimati, huma kellhom jipprovdu w jinstallaw fil-binja ġewwa San Ġwann serje ta' bibien, ta' qisien u tipi differenti, imsejħa GRP Doors, ossija bibien illi mid-disinn tagħhom jifilħu għal ħruq u nar f'każ ta' inċident ta' dik in-natura, hekk imsejjħa wkoll bħala 'Fire Doors'.

38. Jirriżulta illi, fl-applikazzjoni għat-Tender illi s-soċjetajiet intimati kienu pprovdew meta applikaw għat-tender fuq imsemmi, huma kienu ppreżentaw dokumentazzjoni u informazzjoni dwar tali bibien minnhom miġbura mingħand is-soċjeta' Ingliża Dortek, li kienet tipprovdi dawna t-tip ta' bibien.

39. Jirriżulta illi, sussegwentement għall-għoti tat-tender, is-soċjetajiet intimati kkomunikaw kemm mas-soċjeta' Dortek, fuq imsemmija, kif ukoll mas-soċjeta' intimata Finlandiża, Muovilami Oy, sabiex jiddiskutu l-għamla w il-prezzijiet tal-bibien illi kellhom jiġu hekk installati a tenur tat-Tender minnhom mirbuħ.

40. Jirriżulta illi, eventwalment, wara offerta aktar vantaġġuża ppreżentata mis-soċjeta' rikorrenti Muovilami Oy lill-intimati, l-PC Joint Venture ddeċidiet illi jakkwistaw il-bibien mingħand is-soċjeta' rikorrenti.

41. Jirriżulta, di fatti, illi fit-3 ta' Lulju 2014, il-PC Joint Venture bagħtet korrispondenza (fol 39) fejn għarrfet lis-soċjeta' rikorrenti illi "*PC Joint Venture are pleased to inform you that your Offer has been accepted for the total negotiated price of €898,836 (Excluding VAT) for the supply and delivery of GRP Doors and Wall Mounted Vision Panels to be used for the above-mentioned project.*"

42. Jirriżulta illi fl-istess korrispondenza, l-PC Joint Venture kienet qalet illi l-għażla kienet suġġetta illi għal varji kundizzjonijiet, fosthom " ***The special Conditions of Contract, the General Conditions of Contract and tender Specifications forming part of the tender Document*** " (emfażi ta' dina l-Qorti.)

43. Jirriżulta illi fl-10 ta' Lulju 2014, is-soċjeta' rikorrenti ffirmat ftehim mal-PC Joint Venture għall-provvista ta' tali bibien, liema kuntratt kien soġġett għal varji kundizzjonijet, fosthom dak ipprovdut fl-Ittra ta' l-intimati datata 3 ta' Lulju 2014 u fuq ġia indikati. (fol 35)

44. Jirriżulta illi, fil-kuntratt tat-Tender li abbażi tiegħu s-soċjetajiet intimati ngħataw il-kuntratt tax-xogħolijiet, u li abbażi tiegħu huma nnegozjaw u waslu fi ftehim mas-soċjeta' rikorrenti, kien hemm pprovdut dan li ġej dwar il-bibien: (fol 361)

*FIRE RESISTING TIMBER AND GRP DOORS/DOORSETS*

*Provide evidence, in the form of a product conformity certificate, test report or engineering assessment, that each firedoor/doorset supplied to comply with the specified requirements for fire resistance if tested in accordance with BS 476; Part 22. Such certification must cover door and frame materials, glass and glazing materials and installation, essential and ancillary ironmongery, hingers and seal."*

45. Jirriżulta illi l-Malta Enterprise kienet appuntat s-soċjeta' QP Management Limited sabiex tipprepara t-tender għax-xogħolijiet minnha ppjanati għal-Life Sciences Centre ġewwa San Ġwann, liema tender eventwalment intrebaħ mis-soċjetajiet intimati tramite l-Joint Venture tagħhom, u kienet ukoll s-soċjeta' inkarigata sabiex taċċerta illi x-xogħolijiet li jsiru mill-varji kuntratturi, fosthom is-soċjetajiet intimati, isir skond l-ispecifications u standards stabbiliti fit-tender.

46. Jirriżulta illi l-istess soċjeta' QP Management Limited kellha Project Manager, illi kien Claude Perini, filwaqt illi kellha wkoll l-assistenza ta' Fire Engineer, illi kien Gaston de Giovanni.

47. Jirriżulta illi, ftit qabel ma l-partijiet waslu għall-ftehim dwar il-bibien fl-10 ta' Lulju 2014, ossija fit-2 ta' Lulju 2014 is-soċjetajiet intimati għarrfu lis-soċjeta' QP Management Limtied li l-bibien kienu ser jiġu pprovduti mis-soċjeta' rikorrenti.

48. Jirriżulta illi s-soċjetajiet intimati għaddew id-dokumentazzjoni u ċertifikazzjonijiet kollha ppreżentati mis-soċjeta' rikorrenti lil Claude Perini, li sussegwentement għaddihom lill-Fire Engineer Gaston de Giovanni sabiex jiġu vverifikati u kkonfermati, iżda dawna ġew irrifjutati minnu, kemm fit-2 ta' Lulju 2014, kif ukoll fil-31 ta' Lulju 2014, wara li gew ippreżentati dokumentazzjoni ulterjuri da' parte tas-soċjeta' rikorrenti u saħansitra niżlu rappreżentanti tas-soċjeta' rikorrenti biex jispjegaw dokumentazzjoni minnhom ippreżentati. (vide xhieda Claude Perini a fol 299)

49. Jirriżulta, di fatti, illi s-sitwazzjoni għas-soċjeta' intimata kienet aggravat u, fis-17 ta' Lulju 2014, irċeviet komunikazzjoni uffiċjali mill-Executive Chairman tal-Major Projects Co-Ordinating Agency tal-Malta Enterprise, Jimmy Magro, illi qal is-segwenti: (vide fol 604)

*Although we have held several meetings and also held bilateral meetings, very little progress has been achieved to strengthen the works implementation and the technical and administrative capacity of the Joint Venture. This lack of action from your end is putting at risk the EU funds tied to this project.*

***The Government has instructed us to take harsh action, including the termination of the contract, unless real and substantial progress is achieved by the end of this month, <u>in particular the procurement of the GRP doors.</u>*** *(emfażi ta' dina l-Qorti)*

*An official legal letter is being sent to you in due course.*

50. Jirriżulta illi, s-sitwazzjoni kienet inġiebet a korrent tas-soċjeta' rikorrenti minn ferm qabel, u di fatti rriżulta illi fl-24 ta' Ġunju 2014, rappreżentant tas-soċjeta' intimata, Ivan Bondin, kien bagħat email lis-soċjeta' rikorrenti fejn għarrafha li: (fol 723)

    *I have just received a phone call from the project manager of the life sciences project where I have been told about the urgency for us to submit a whole package pertaining to the GRP doors. More precisely, I have been told that the failure from our end to submit the complete submittal package by Thursday of this week, would result in our works package being jeopardised. This will have a drastic effect on our company as well as yours.*

51. Jirriżulta illi dakinhar, fost l-affarjiet illi s-soċjeta' intimata kienet qiegħda tisħaq li s-soċjeta' rikorrenti tipprovdilhom, kien hemm iċ-ċertifikati tal-bibien, liema ċertifikati jirriżulta illi ma kinux pprovduti skond kif rikjest fit-tender illi s-soċjeta' intimata kienet ingħatat.

52. Jirriżulta, di fatti, minkejja korrispondenza vasta skambjata bejn il-partijiet u eżebita fl-atti kif ukoll laqgħat li saru hawn Malta, is-sitwazzjoni relatata maċ-ċertifikati meħtieġa qatt ma kienet ġiet riżolta. Tant huwa hekk illi, f'korrispondenza mibgħuta minn Gaston de Giovanni lil Claude Perini fil-5 ta' Awissu 2014, (fol 796), l-espert inkarigat sabiex jagħmel il-verifiki fuq jekk il-bibien jottemperawx ruħhom mar-rikjesti dwar nirien kif rikjest, kellu dan xi jgħid:

    *"On my part, I wish to make it very clear that I will only accept doorsets for which a fire test certificate has been issued, be they single leaf or double leaf. Certificates have to be made available for each type of door.*

    *With all due respect, it is not for the supplier to state what he is willing or not willing to provide. Anything related to fire safety needs to be accompanied by relevant test certificates. If it is not, then it is not acceptable as far as I am concerned.*

    *This supplier has been dragging on with this issue of certification for far too long and has been submitting certificates (including expired ones), for far too long.*

    *We are complicating what should be a simple matter. We are also wasting everyone's time and being put under undue pressure. To put it simply, the supplier needs to provide test certificates for the doors he intends to install. If he does not, than the doors he is proposing are not acceptable."*

53. Jirriżulta illi, ta' dan, is-soċjeta' rikorrenti kienet mgħarrfa, tant illi, fil-5 ta' Settembru 2014 (fol 835), ir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata Kurt Abela kiteb lir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, Hans Naupert, fejn għarrfu:

    *Please note that the client has huge reservations on the documentation Lami has provided particularly on the fire certification and is reviewing his position with regards to the GRO doors.*

54. Is-soċjeta' rikorrenti rrispondiet fit-12 ta' Settembru 2014 għal dan billi qalet is-segwenti: (fol 842)

> *We refer to the above mentioned documents and the previous correspondence between our two companies as well as to our e-mail of 5th September 2014.*
>
> *We have been prevented from fulfilling this Contract directly as a result of the failure of your company to supply us with the information requested and by lack of communication in the means of permanent non-answering our e-mails and telephone calls. This is despite numerous written attempts on our part to obtain such information in order to fulfil our obligations regarding this Contract.*
>
> *The above leads us to assume that your company is either planning to change the supplier of this Contract or maybe have already committed to do so. If this is the case, we consider your action to be a clear and unfounded violation of the Contract. As we do not consider ourselves to be at fault we reserve our rights to take all necessary steps in this matter. In this case, we will be informing you more in detail concerning the costs / loss incurred to Muovilami Oy in this matter (estimated to be ca. EUR 80.000 - 90.000).*

55. Għal tali assersjonijiet, is-soċjeta' intimata rrispondiet fis-17 ta' Settembru 2014, fejn qalet is-segwenti:

> *We refer to your letter dated 12lh September, 2014.*
>
> *Please note that, contrary to what you are alleging in your letter, we are not, in any way, preventing your company from fulfilling this contract. We have submitted your requests and queries to the client and are still awaiting a formal reply. Our understanding is that, to date, you have failed in producing adequate certification and documentation as required by the client in order for you to fulfil the requirements of the contract.*
>
> *Moreover, we confirm that we have not changed the supplier. Nor we prefer to do so. However, should you fail to submit adequate certification and documentation to the satisfaction of our client, we would have no other option but to seek alternative solutions, including the changing of the supplier.*
>
> *In the meantime, we will persist in obtaining the pending replies from the client in connection to your queries.*

56. Jirriżulta illi l-problema fil-każ odjern kien jirrigwarda ċertifikazzjonijiet mgħoddija mis-soċjeta' rikorrenti, u l-istess Gaston De Giovanni, meta xehed quddiem dina l-Qorti fis-6 ta' Novembru 2017, ġie muri tali ċertifikazzjonijiet kif pprovduti mis-soċjeta' rikorrenti u formanti parti mill-proċeduri odjerni u, mistoqsi dwarhom, kellu dan xi jgħid:

> *"Jien qed nara dawn iċ-ċertifikati li qegħdin a fol 189 'il quddiem u ngħid illi dawn mhumiex kompluti. Mistoqsi jekk dawn iċ-ċertifikati humiex aċċettabbli, ninforma lil Qorti illi fl-expertise tiegħi, jiena nqis dawn iċ-ċertifikati bħala mhumiex kompluti u allura ma humiex aċċettabbli."*

57. Fix-xhieda ta' l-istess Gaston De Giovanni, in kontro eżami, mogħtija quddiem dina l-Qorti, kif komposta, fit-28 ta' Novembru 2019, l-istess xhud, filwaqt illi kkonferma illi d-dokumentazzjoni rikjesta ma ngħatatx mis-soċjeta' rikorrenti, kellu dan xi jgħid dwar ir-rekwiżiti tat-tender:

> *Li nista' ngħidlek huwa pero' li minn naħa ta' fire, biex jiġi aċċettat f'dan il-każ partikolari bieb, aħna r-rikjesta kienet minn naħa tiegħi ... a test report. (fol 1094)*
>
> ...
>
> *Jien għalija la din ir-requirement tat-tender qed tirreferi għal dan it-test, sewwa, għalija hija ċara li dan it-test għandna dritt nitolbu għalih. (fol 1099)*
>
> ...
>
> *Assessments jien minn naħa tiegħi ma naċċettahomx. Assessment is only an opinion. (fol 1104)*
>
> ...
>
> *Jekk ma kellix ċertifikat, ma stajtx nikkonsidraha. (fol 1111)*

58. Jirriżulta, di fatti, illi dwar wieħed mit-tip ta' bibien illi kienu ser jiġu pprovduti, s-soċjeta' rikorrenti kienet qed tisħaq illi l-Assessment report kellu jkun biżżejjed stante illi sabiex isir Test Certificate, jgħaddi wisq żmien u jintefqu wisq flus.

59. Jirriżulta illi, eventwalment, rinfaċċjata b'tali nuqqasijiet da parte tas-soċjeta' rikorrenti w l-insistenza tal-uffiċjali responsabbli mit-tmexxija tal-proġett da' parte tal-Malta Enterprise, is-soċjeta' intimata ma kellha ebda soluzzjoni oħra għajr illi tasal fi ftehim mas-soċjeta' Ingliża Dortek Limited, liema ftehim intlaħaq fil-21 ta' Jannar 2015 sabiex jiġu pprovduti w installati l-bibien meħtieġa. (fol 1053)

## Talbiet rikorrenti

60. Jirriżulta, mir-rikors promotur, illi s-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob lil dina l-Qorti sabiex tiddikjara lis-soċjeta' intimata bħala responsabbli għal ksur tal-kuntratt illi kien hemm bejniethom meta ma komplietx bil-kuntratt magħha u ġabet il-bibien mingħand soċjeta' oħra.

61. Jirriżulta illi r-rikorrenti qegħdin jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq l-ittra ta' aċċettazzjoni datata 3 ta' Lulju 2014 u is-*Supply and Delivery Agreement* datat 10 ta' Lulju 2014.

62. Jirriżulta illi, waħda mill-kundizzjonijiet inklużi fl-ittra ta' aċċettazzjoni tat-3 ta' Lulju 2014 w imsemmija fil-ftehim tal-10 ta' Lulju 2014 kienet illi l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tender illi kienu rebħu s-soċjetajiet intimati tramite l-joint venture tagħhom kellhom japplikaw għal tali ftehim.

63. Jirriżulta illi, fost il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tender document, u li għalhekk kien applikabbli għall-partijiet wkoll, kien illi l-bibien kellhom bżonn ċertifikat li jaċċerta li "*each firedoor/doorset supplied to comply with the specified requirements for fire resistance if tested in accordance with BS 476: Part 22.*" (fol 361)

64. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-Malta Enterprise, illi kienet inkarigat lis-soċjeta' intimata sabiex tagħmel ix-xogħolijiet ġewwa l-Life Sciences Park ġewwa San Ġwann, kienet qiegħda tisħaq, tramite l-Project Manager tagħha Claude Perini u, aktar u aktar, l-espert minnha mqabbad Gaston de Giovanni, illi ċ-ċertifikazzjoni pprovduta mis-soċjeta' rikorrenti ma kinetx dik rikjesta minnha u għalhekk ma kinetx qiegħda taċċetta l-bibien pprovduti mis-soċjeta' rikorrenti tramite s-soċjetajiet intimati.

65. Jirriżulta illi, mistoqsi x'kien jiġri jekk is-soċjeta' intimata baqgħet għaddejja bl-installar ta' tali bibien minkejja tali opposizzjoni, Gaston de Giovanni, illi kien il-persuna finalment responsabbli biex jiċċertifika dawn il-bibien, kellu dan xi jgħid: (fol 1112)

> *Ma nikkmandax lil kuntrattur x'jagħmel bir-rispett kollu ... li nista' ngħidlek huwa jiena ha niġi mistoqsi ...*
>
> *... fl-aħħar tal-proġett irridu noħorġu dak li ngħidulu compliance certificate u dan huwa l-aktar dokument qasir, pero' fl-opinjoni tiegħi ikun naqra kruċjali għax jgħid dan il-bini ... das-sistemi u dal-bibien, apparat, huwa safe għal min hemm hemm ġew. Jekk jiena dan, jista' jordnahom u jieħu r-riskju pero' ma jiġux it-test certificates mhux se jiġi approvat. End of story.*
>
> *Issa jekk joħodhiex riskju l-kuntrattur għax jista' jiddeċiedi mas-supplier u jgħidlu isma' ordna għax jagħmlu xi ftehim magħhom jew ikun hemm xi diskussjonijiet u jgħidlu ħa nġibhomlok iċ-ċertifikati. Fine. Imma jekk ma jiġux, u dan mhux għal dan il-proġett biss tapplika ... għal kwalunkwe proġett.*
>
> *Compliance ma joħroġx.*
>
> *U żgur li le, mela ha nidħlu responsabbli aħna.*

66. Jirriżulta ċar illi, fil-każ odjern, rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn il-persuni responsabbli tal-proġett ma kinux disposti jaċċettaw iċ-ċertifikazzjoni pprovduta mis-soċjeta' rikorrenti, is-soċjeta' intimata ma kellha ebda soluzzjoni oħra għajr illi tipproċedi biex tottjeni l-bibien minn kumpannija oħra, fil-każ odjern Dortek Limited.

67. Jirriżulta illi għalkemm is-soċjeta' rikorrenti tikkontendi illi ċ-ċertifikazzjonijiet minnha maħruġa kienu kollha skond kif rikjest mit-tender oriġinali u, għal dan il-għan, qabbdet ukoll espert lokali tagħha, l-Inġinier Edwin Aquilina, sabiex jikkonferma tali fatt, huwa minnu illi l-persuni responsabbli għall-proġett da' parte tal-Malta Enterprise kienu qegħdin jinsistu illi jiġi ppreżentat ċertifikat għall-bieb illi jinħareġ wara illi jsir 'fire test' fuq l-istess bieb, 'fire test' iżda li s-soċjeta' rikorrenti ma kinetx disposta illi tagħmel, peress illi kien jiswa ħafna flus, fatt rikonoxxut saħansitra mill-espert tas-soċjeta' rikorrenti illi, mistoqsi jekk kienx jagħti parir sabiex jiġu prodotti w installati l-bibien minkejja tali nuqqas, stqarr illi: (fol 1129)

*Le nispjega ovvjament ... mhux se nieħu deċiżjoni jekk il-klijent qed isostni hekk ... nispjegalu u ngħidlu isma', fire test se jdum ċertu ammont ta' żmien, taċċetta li jsir dan l-assessment report rather? Hekk kont nagħmel jien.*

68. Jirriżulta ċar, mill-provi prodotti w l-iskambji ta' korrispondenza eżebita, illi s-soċjeta' intimata kienet kostretta illi tmur għand kumpannija oħra għall-bibien wara illi s-soċjeta' rikorrenti baqgħet ma pprovdietx iċ-ċertifikazzjoni illi kienu qed jinsistu dwarhom ir-rappreżentanti tal-Malta Enterprise illi, wara kollox, kienu l-klijenti illi, kemm is-soċjetajiet intimati kif ukoll is-soċjeta' rikorrenti, kellhom jagħtu servizz lilhom.

69. Għalhekk, mill-assjem tal-provi kif prodotti, ma jirriżultax ippruvat illi s-soċjetajiet intimati, tramite l-joint venture tagħhom PC Joint Venture, kienet b'xi mod responsabbli għall-ksur tal-kuntratt ta' provvista u konsenja ffirmata bejn il-partijiet fl-10 ta' Lulju 2014.

## Talbiet Intimati

70. Jirriżulta illi s-soċjetajiet intimati, tramite talba rikonvenzjonali minnhom ippreżentata flimkien mar-risposta ġuramentata tagħhom, talbu lill-Qorti tiddikjara illi s-soċjeta' rikorrenti kienet responsabbli tal-ksur tal-kuntratt u għalhekk responsabbli għad-danni minnhom sofferti riżultat ta' tali ksur.

71. Jirriżulta, kif fuq ġia spjegat, illi għalkemm is-soċjeta' rikorrenti kienet obbligata illi tonora l-kundizzjonijiet tat-tender illi biha s-soċjetajiet intimati kienu ngħataw l-inkariku ta' installar fil-binja Life Sciences ġewwa San Ġwann, inkluż il-varji bibien li kellhom jiġu pprovduti mis-soċjeta' rikorrenti, l-istess soċjeta' rikorrenti naqqset milli tipprovdi ċ-ċertifikazzjoni meħtieġa għal xi bibien li kellhom jiġu nstallati mis-soċjeta' intimata, bir-riżultat illi s-soċjeta' intimata kienet ser titlef il-kuntratt lilha mogħti permezz ta' Tender jekk ma ssibx soluzzjoni oħra.

72. Jirriżulta illi, bħala riżultat, is-soċjeta' intimata kellha tispiċċa tqabbad soċjeta' oħra, ossija Dortek Limited, sabiex tipprovdi tali bibien, fatt illi s-soċjeta' intimata tikkontendi, wasslet sabiex l-istess soċjeta' intimata tħallas aktar għal tali bibien.

73. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata tikkontendi illi hija sofriet ħsarat inġenti riżultat tal-inadempjenza tas-soċjeta' rikorrenti, liema ħsarat hija kkalkolat illi ammontaw komplessivament għal €200,133, kif jidher mill-prospett minnha redatt a fol 996 tal-proċess.

74. Jirriżulta illi f'tali prospett, is-soċjeta' intimata qiegħda titlob għal ħlas ta' flejjes żejda mħallsa lil Dortek Limited kif ukoll spejjeż u imgħax relatati ma' Mandat ta' Sekwestru fl-ammont ta' €200,000 maħruġ mis-soċjeta' rikorrenti, spejjeż legali u spejjeż ta' impjegati tas-soċjeta' intimata in konnessjoni mal-proġett.

### - Telf ta' profitt

75. Jirriżulta, skond ix-xhieda ta' Claude Perini, ossija l-persuna involuta fit-tħejjija w implimentazzjoni tat-tender li eventwalment ingħata lis-soċjeta' intimata, li meta l-istess soċjeta' intimata kienet applikat għat-tender bil-valur ta' €2,808,123.71, kif jidher

mid-dokumentazzjoni ippreżentata mis-soċjeta' rikorrenti (fol 1038), s-soċjeta' intimata kienet indikat illi l-bibien kienu ser jiġu pprovduti mis-soċjeta' Dortek u mhux mis-soċjeta' rikorrenti Muovilami OY.

76. Jirriżulta wkoll illi, la darba s-soċjeta' intimata kienu indikat prezz fiss illi abbażi tiegħu kienu ser japplikaw għat-tender, fl-ammont fuq indikat, ċertament is-soċjeta' intimata inkludiet f'tali kalkoli l-valur tal-bibien pprovduti mis-soċjeta' Dortek, liema bibien eventwalment kellha tixtri wara illi s-soċjeta' rikorrenti naqqset milli tonora l-ftehim tagħha.

77. Jirriżulta, di fatti, illi s-soċjeta' intimata stess, fil-letter of acceptance tagħha, tikkonferma illi s-soċjeta' rikorrenti kellha offerta finanzjarjament ferm aktar vantaġġjuża għas-soċjeta' intimata minn dik tas-soċjeta' Dortek.

78. Dana qiegħed jingħad minn dina l-Qorti, peress illi, bit-talba għall-kumpens tas-soċjeta' intimata, t-talba tagħha hija waħda għal telf ta' profitt illi hija setgħet tbagħti, liema profitt kien ċertament ġia kkontemplat meta ppreżentaw it-tender tagħhom, u li kien ser probabbilment jiżdied f'każ illi s-soċjeta' rikorrenti attwalment ottemperat ruħha ma' dak minnha obbligat.

79. Għalhekk, il-Qorti tqis illi tali telf ma jistax jitqies bħala danni illi għandhom jiġu addebitati lis-soċjeta' rikorrenti, peress illi kienu spejjeż ġia kkontemplati mis-soċjetajiet intimati.

- **Spejjeż legali w spejjeż amministrattivi**

80. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata qiegħda tikkontendi illi, in linea ta' danni, hija għandha tiġi kkumpensata għall-ispejjeż legali minnha inkorsi. Il-Qorti, madanakollu, tosserva illi spejjeż legali huma dettati unikament mit-tariffa a tenur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, w l-ispejjeż legali minnha indikati w inkorsi ma jistgħux jiġu rimborsati għajr kif ipprovdut fil-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

81. Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' intimata qiegħda tikkontendi illi għandha titħallas għas-siegħat sħaħ ta' xogħol illi hija ħadet fin-negozjati w interventi varji involuti bil-għan illi tinstab soluzzjoni għall-problemi li kienu qed jiġu kkreati mis-soċjeta' rikorrenti.

82. Il-Qorti, tosserva illi, għalkemm is-soċjeta' intimata tikkontendi illi utilizzat varji siegħat professjonali tagħha fuq il-vertenza bejn il-partijiet, huwa ċertament minnu illi tali siegħat ma ntużawx unikament in konnessjoni ma' tali kwistjoni biss, stante illi jirriżulta illi l-proġett li kellha f'idejha s-soċjeta' intimata kien wieħed konsiderevoli, u ċertament is-siegħat indikati għal fini ta' kumpens intużaw għal xogħol ieħor ukoll.

83. Għalhekk, talbiet għal tali tip ta' kumpens ma jistax jiġi aċċettat minn dina l-Qorti.

- **Spejjeż u Imgħax in konnessjoni ta' ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru nru 1606/2015**

84. Jirriżulta illi, kontemporanjament mal-proċeduri odjerni, is-soċjeta' rikorrenti ħarġet Mandat ta' Sekwestru fil-konfront tas-soċjeta' intimata, fl-ammont ta' €200,000.

85. Jirriżulta illi, in vista ta' tali mandat, s-soċjeta' intimata ħarġet Garanzija Bankarja sabiex tkun tista' tottjeni l-ħruġ ta' Kontro Mandat relattiv u, għalhekk, tkun tista' tibqa' topera bil-kontijiet bankarji tagħha. (fol 1016)

86. Jirriżulta, mill-prospett ta' danni ppreżentat mis-soċjeta' rikorrenti fil-15 ta' Ġunju 2017, id-danni minnhom prospettati kienu ferm anqas minn dak miżmum bil-Mandat ta' Sekwestru, fejn id-danni minnhom pretiżi kienu fl-ammont ta' €39,556.54. (fol 513)

87. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi s-soċjeta' rikorrenti qatt ma kienet ġustifikata illi toħroġ Mandat ta' Sekwestru kontra s-soċjeta' intimata fl-ammont ta' €200,000, ossija ħames darbiet aktar minn dak minnhom pretiż.

88. Għalhekk, il-Qorti tqis illi huwa ġust u meritevoli illi s-soċjeta' rikorrenti tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mis-soċjeta' intimata għall-ħruġ ta' tali Mandat illi, minnu nniffsu jirrażenta l-abbuż!

89. Jirriżulta illi fl-1 ta' Diċembru 2015, is-soċjeta' rikorrenti ħallset l-import ta' €2,350 sabiex ħarġet Garanzija Bankarja biex il-Mandat ta' Sekwestru jitneħħa. (fol 1017)

90. Jirriżulta wkoll illi kull sena, mis-16 ta' Jannar 2017 'l hinn, s-soċjeta' intimata ħallset 'TSY Guarantee fees' fl-ammont ta' €2,100 fis-sena.

91. Jirriżulta illi, sad-data ta' tali sentenza, dak ifisser illi, apparti l-ħlas inizjali fuq ġia indikat, l-import ta' €2,100 tħallas ħames darbiet, la darba jidher ċar illi jiskadi kull nofs ta' l-ewwel xahar tas-sena.

92. Jirriżulta għalhekk illi s-soċjeta' intimata ħallset l-ammont ta' €10,500 f'guarantee fees illi, flimkien mas-somma inizjali ta' €2,350, jagħmlu ammont komplessiv ta' **tnax-il elf, tmien mija u ħamsin Euro (€12,850)**.

93. Il-Qorti tqis illi, tenut kont tal-valur eċċessiv tal-Mandat ta' Sekwestru, liema Mandat jidher ċar illi nħareġ mhux sabiex jiġu protetti l-interessi tas-soċjeta' rikorrenti, iżda sabiex is-soċjeta' intimata tiġi penalizzata w issirlha ħsara, l-ispejjeż kollha inkorsi mis-soċjeta' intimata sabiex tevita ħsara ulterjuri fix-xogħol tagħha għandhom ikunu a kariku tas-soċjeta' rikorrenti.

94. L-istess, madanakollu ma jistax jingħad għal dak illi jirrigwarda l-imgħax illi s-soċjeta' intimata tikkontendi illi hija tilfet riżultat tal-ħruġ tal-garanzija bankarja – il-Qorti tosserva illi t-talba għal imgħax hija bbażata fuq l-asserzjoni illi l-flejjes ittieħdu mill-overdraft tagħha, li għalih kienu jħallsu imgħax ta' 5.87 fil-mija. Madanakollu, ma nġiebet ebda prova dwar tali overdraft kif ukoll illi tali overdraft, tul is-snin, baqgħet dejjem soġġetta għal tali somma u imgħax relattiv, prova illi kienet meħtieġa sabiex tiġġustifika tali danni.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti, d-dokumentazzjoni varja u x-xhieda;

Wara illi rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partjiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Dwar it-talba tas-soċjeta' attriċi**

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet tas-soċjetajiet intimati, u għalhekk;

**Tiċħad** t-talba kif dedotta.

**Dwar it-talba rikonvenzjonali tas-soċjetajiet intimati,**

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' attriċi,

**Tilqa'** t-talba tas-soċjetajiet intimati u għalhekk;

**Tiddikjara** illi s-soċjeta' rikorrenti Muovilami OY hija unikament responsabbli għall-ksur tal-kuntratt ta' provvista u konsenja tal-bibien in kwistjoni u kwindi kienet hi unikament il-kaġun tal-ħall tal-istess kuntratt.

**Tiddikjara** illi minħabba din l-inadempjenza, is-soċjetajiet intimati Project Technik Limited u C&F Building Contractors Limited, insolidum bejniethom, sofrew danni.

**Tillikwida** dawn id-danni fl-ammont ta' **tnax-il elf, tmien mija u ħamsin Euro (€12,850),** kif fuq aħjar deskritt.

**Tordna** lis-soċjeta' rikorrenti Muovilami OY tħallas lis-soċjetajiet intimati Project Technik Limited u C&F Building Contractors Limited flimkien is-somma ta' **tnax-il elf, tmien mija u ħamsin Euro (€12,850)** in linea ta' danni**.**

Spejjeż kollha, kemm tat-talba kif ukoll tal-kontro talba, ikunu a kariku tas-soċjeta' rikorrenti

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**